**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 1099/2021 NC**

**Landmark Properties Limited**
**(C 34424)**

**vs.**

**Paul Ellul (ID 744461(M))**

**Digriet kamerali mogħti llum, l-Erbgħa 13 ta' Ottubru 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tas-soċjeta' rikorrenti Landmark Properties Limited ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2021 u li ġie a konjizzjoni tagħha fit-23 ta' Settembru 2021 fejn is-soċjeta' rikorrenti talbet lill-Qorti s-segwenti:

*"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat aġixxa, direttament jew indirettament, bi ksur ta' l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti u tad-Digriet mogħti minnha fit-3 ta' Awwissu 2021 illi permezz tiegħu laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo fl-ismijiet premessi;*

*2. Konsegwentement, ai termini tal-Artikolu 873(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss għal dan il-għan minn din l-Onorabbli Qorti, a spejjeż tiegħu, jirrimedja dak kollu illi huwa, direttament jerw indirettament, għamel u/jew varja fil-porzjoni diviża ta' art meritu tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo fl-ismijiet premessi bi ksur tal-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan occorrendo bl-opra ta' perit nominandi;*

*3. F'każ li t-terminu prefiss lill-intimat minn din l-Onorabbli Qorti skont it-talba preċedenti jgħaddi u l-intimat jibqa' inadempjenti, tawtorizza lis-soċjeta' esponenti sabiex, a spejjeż tal-intimat, tirrimedja hija stess dak kollu li l-intimat, direttament jew indirettament, għamel u/jew varja fil-porzjoni diviża ta' art meritu tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo fl-ismijiet premessi bi ksur tal-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan occorrendo bl-opra ta' perit nominandi;*

*4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-aġir tal-intimat, kif fuq premess, jammonta għal disprezz lejn l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*5. Konsegwentement tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, ai termini tal-Artikoli appożiti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż l-Artikoli 997 u 1003A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jibda l-proċedimenti meħtieġa kontra l-intimat għad-disprezz lejn l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti."*

Rat id-Digriet tagħha tat-23 ta' Settembru 2021 fejn ordnat notifika tar-Rikors lill-kontro-parti bi żmien għaxart (10) ijiem għar-Risposta.

Rat ir-Risposta tal-intimat Paul Ellul ippreżentata fis-7 ta' Ottubru 2021 fejn, fost l-oħrajn, qal hekk:

*"Illi, għalhekk, l-Esponenti intimat Paul Ellul qed jirriafferma bil-ġurament tiegħu li huwa ma għamel XEJN fuq l-art proprjeta' tiegħu, għajr illi l-ĦAMRIJA li kienet f'munzell wittiegħa mal-għalqa tiegħu biex mhux biss ma ttirx bir-riħ u l-maltemp, iżda anke biex jipproteġi ħwejġu billi għalqa mingħajr*

*ħamrija titqies bħala bniedem li mhux qed jiġi mitmugħ u jmut bin-nuqqas ta' sustanzi, kif inhija l-ħamrija għall-għelieqi!!.*

*[…]*

*Illi għalhekk, il-ĦAMES TALBIET tas-soċjeta' rikorrenti għandhom jiġi mitħuda bil-qawwa kollha tal-Liġi w tal-istess Qorti billi ma nkisret ebda Ordni jew Direttiva tal-Qorti u r-Rikorrenti Soċjeta' qehda toħloq għal ta' l-apposta kjas għalxejn għall-objettivi ulterjuri: id-Disprezz lejn l-Onorabbli Qorti wettqitu biss is-soċjeta' rikorrenti meta din ta' l-aħħar taf ben tajjeb illi ma għandħa ebda jeddijiet skont il-liġi fuq dina l-Art li ilha fil-pussess tal-intimat mingħajr ebda forma ta' xkiel għal iktar minn 36 sena."*

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jingħad li l-Qorti ħadet mhux biss konjizzjoni tar-Rikors promutur u tar-Risposta tal-intimat, pero' ħadet ukoll konjizzjoni tar-ritratti li ġew eżebiti mar-Rikors u tal-atti ta' Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 1099/2021 NC

Illi fit-3 ta' Awwissu 2021 il-Qorti laqgħet talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat mis-socjeta' rikorrenti fil-21 ta' Lulju 2021 fejn talbet li l-Qorti żżomm lill-intimat milli:

*"B'kwalunkwe mod, kemm direttament u kif ukoll indirettament tramite terzi, jaltera, jagħlaq l-aċċess għal, japproprja jew jipposjedi għalih, inkluż billi jqiegħed jew jippermetti li jitqiegħed kwalunkwe materjal jew billi b'kwalunkwe mod ieħor ibiddel, ivarja, jew jippermetti li tinbidel jew tiġi varjata, il-porzjoni diviża mir-raba' magħrufa bħala 'Tal-Ħandaq', fil-limiti tas-Siġġiewi, kontrada 'Tal-Ħandaq', tal-kejl ta' ċirka tlett itmiem, siegħ, u tmien kejliet (3T.1S.8K) ekwivalenti għal cirka tlett elef, seba' mija u disgħa punt tnejn metri kwadri (3709.20m$^2$), aċċessibbli bil-karrettun minn sqaq li għandu bidu mit-triq li mis-Siġġiewi tieħu għall-Imqabba, u liema porzjoni diviża ta' art tmiss mit-tramuntana ma' proprjeta' ta' Licari Estates Limited, mil-lvant, in parti ma' sqaq u in parti ma' proprjeta' tas-suċċessuri fit-titolu ta' Michele Magri, minn nofsinhar ma' proprjeta' ta' Louisa Strickland u mill-punent ma' sqaq, liema porzjoni diviża ta' art tinsab aħjar deskritta fl-att pubbliku ta'*

*komprovendita datat l-10 ta' Mejju 2006, fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' (vera kopja hawn annessa bħala Dokument 'LPL 1') u tinsab delinejata bil-kulur isfar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'LPL 1A')".*

Illi fir-Rikors promutur jingħad li s-soċjeta' rikorrenti istitwiet proċeduri appożiti fil-meritu f'kawża fl-ismijiet **Landmark Properties Limited vs. Paul Ellul et** (Rikors Ġuramentat Numru 773/2021 JVC).

Illi l-Qorti kkonfermat li l-proċeduri li saru riferenza għalihom fil-paragrafu preċedenti ġew verament istitwiti tant li l-proċeduri in kwistjoni jinsabu appuntati għad-9 ta' Novembru 2021 quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tat-talbiet kontenuti fir-Rikors promutur, il-Qorti għandha s-segwenti xi tgħid:

- <u>L-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) talba</u>: Tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, biex il-pożizzjoni tar-rikorrenti ma tiġi bl-ebda mod preġudikata b'dan id-Digriet u dana *stante* li kieku din il-Qorti kellha tikkunsidra l-ewwel tliet talbiet kontenuti fir-Rikors promutur kien ikollha tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet li bħalissa tinsab pendenti fi proċeduri oħra quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, b'hekk il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li l-ewwel tliet talbiet kontenuti fir-Rikors promutur bil-proċedura odjerna għandhom jiġu miċħuda;

- <u>Ir-raba' (4) u l-ħames (5) talba:</u> Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti kollha hawn fuq imsemmija, b'mod partikolari ta' dak li ngħad fir-Risposta tal-intimat u li ġie kwotat aktar-il fuq f'dan id-Digriet u rat ukoll Artikoli 1003A u l-artikoli preċedenti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tqis li l-aġir tal-intimat, *prima facie*, jista' jkun li jekwivali għal disprezz lejn l-ordni tal-Qorti mogħtija fl-atti tal-Mandat bin-Numru 1099/2021 NC permezz ta' Digriet datat 3 ta' Awwissu 2021 u għaldaqstant fit-termini

ta' Artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili sabiex jipproċedi bi proċeduri ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti fil-konfront tal-intimat.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Avukati tal-partijiet u notifika ta' dan id-digriet lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali a spejjeż tar-rikorrenti.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu deċiżi mal-eżitu finali tal-proċedura ta' disprezz.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**